**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MONICA VELLA LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Antonovich Muscat)**
**vs**
**Michael Carmel Spiteri**

**Illum, 18 ta' Jannar 2017**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Michael Carmel Spiteri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 478085M;

Akkuzat talli f'dawn l-ahhar snin, bejn l-2002 u l-2003, f'dawn il-Gzejjer, personalment jew bhala direttur tal-kumpanija Macbake Co. Ltd, bin-numru ta' registrazzjoni C18908, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

a. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila,

setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqalt tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh b'qerq ta' iktar minn Lm1,000.00 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

b. Aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, iffalsifikajt cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor, imwaqqaf jew maghruf b'xi atti pubbliku tal-Gvern, kif ukoll talli xjentement ghamilt uzu minnhom;

c. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummecjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqt pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligu, jew billi dahhalt dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, li ukoll xjentement ghamilt uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

d. Aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamilt jew tajt dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, meta ma kontx ufficjal jew impjegat pubbliku b'abbuz ta' awtorita', kif ukoll talli xjentement ghamilt mill-istess dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

e. Aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficju ghalik jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt taghrif falz;

f. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamilt falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamilt uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu tal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat u qieset ix-xhieda u provi kollha prodotti.

Rat li meta sarlu l-ezami, l-imputat wiegeb illi ma hux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat illi mibghut il-kunsens tal-Avukat Generali l-imputat wiegeb li ma ghandux oggezzjoni sabiex il-kaz tieghu jigi deciz bi proceduri sommarji.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kawza odjerna l-imputat huwa akkuzat b'diversi reati li jirrigwardaw allegata importazzjoni tal-margerina u l-evazjoni fiskali tat-taxxa, f' dan il-kaz partikulari levy, dovuta li tithallas minnu fuq tali importazzjoni. Akkuzat ukoll bil-falsifikazzjoni ta' dokumenti sabiex jagevola ruhu.

Illi l-principju baziku fil-kamp Kriminali huwa li l-Prosekuzzjoni trid ggib l-aqwa prova li ma thalli l-ebda dubju ragonevoli li l-imputat ikkommetta l-att li jkun akkuzat bih, dan sabiex l-imputat jinsab hati.

Illi jridu wkoll jirrizultaw zewg elementi tad-delitt, u cioè l-actus reus – u cioè l-att kommess mill-imputat – u l-mens rea u cioè l-intenzjoni ta' l-imputat li jikkommetti tali reat. Illi fil-kawza odjerna, l-fatt li jirrizultaw fatturi doppji bl-istess numru li però wahda minnhom teskludi l-prodott tal-margerina tista' tkun prova tal-mens rea fl-imputat illi jevadi l-hlas tat-taxxa u cioè levy dovuta li tithallas fuq dak il-prodott.

Illi però l-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib prova konklussiva rigward l-element l-iehor u cioè l-actual reus, l-att innifsu, u cioè li fil-fatt l-imputat importa tali margerina. Tressqu diversi xhieda, anke diversi ufficjali minn sezzjonijiet differenti tad-Dwana, izda l-ebda wiehed ma wiegeb fl-affermattiv ghall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk tassew jew le gietx importata tali margerina. Hadd mix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma kien f'posizzjoni jikkonferma li fil-fatt l-imputat, tramite l-kumpanija Mc Bake, importa tali margerina f'dawk l-okkazjonijiet fejn il-fatturi huma doppji, izda f'wahda minnhom giet eskluza l-margerina.

Mhux biss izda r-rapprezentant tal-Unigra ghalkemm ikkonferma li huma thallsu ta' dak li esportaw, ma gabx prova ta' tali hlas u ta' x'hiex thallsu. U ghalhekk, ukoll lanqas saret prova tal-esportazzjoni tal-margerina minn naha ta' l-Unigra.

Illi l-Prosekuzzjoni naqset ukoll milli ggib prova konklussiva dwar liema mid-dokumenti li fuqhom saret l-investigazzjoni huwa dak awtentiku u liema mhux. Ghad-Dwana d-Dokument awtentiku huwa dak prezentat lilha, u cioè li ma kienx fih il-margerina, ghall-Prosekuzzjoni d-dokument awtentiku huwa dak li saret l-investigazzjoni fuqu u cioè li kien fih il-margerina. Pero prova dwar liema wiehed minnhom huwa l-awtentiku u l-originali ma ngabitx.

Ghalhekk, l-att innifsu ma giex pruvat mill-prosekuzzjoni u konsegwentament jonqos wiehed mill-elementi materjali sabiex tinsab htija fl-imputat.

Illi huwa rilevanti wkoll illi l-imputat ghamel ftehim bonarju mad-Dipartiment tad-Dwana fejn hallas il-penali mitluba mill-istess Dwana. Dan il-ftehim kien jagevola lill-istess Dwana stante illi t-talba ghall-hlas tal-levy kienet gia preskritta meta sar il-ftehim u ghalhekk id-Dwana ma setetx tenforza tali talba ghall-hlas tal-Levy. Dan il-ftehim però sar bl-intenzjoni wkoll illi ma jittihdux proceduri kontra l-imputat. Fil-fatt id-Dokument intitolat Administrative Settlement Agreement, a folio 179 tal-process, prezentat mix-xhud Martin Debattista jghid: "in lieu of court action". Illi ghalhekk, jirrizulta li l-imputat gia hallas penali amministrattiva ghal dan l-allegat reat u skond ma xehdu x-xhieda tal-Prosekuzzjoni, l-imputat dan ghamlu minhabba problemi li kellu mal-banek.

Illi, però huwa relevanti wkoll illi l-akkuzi imputati lill-imputat ma jaqghux taht l-Att li Jirregola d-Dwana u specifikatament l-Artiklu 63 A izda jaqghu taht il-Kapitlu 9, il-Kodici Kriminali. Hawn però jidhol il-principju li persuna ma tistax tinsab hatja darbtejn ghall-istess fatt. Apparti illi ma hux gust li persuna thallas penali amministrattiva sabiex tissetilja kaz, tigi wara rinfaccjata xorta wahda bi proceduri fil-Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tiddikjara illi ma ssibx htija fl-imputat u tilliberah mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur